MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 253/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**

**Vs**
Alfonso Abela

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 t'Awissu, 2002, ghall-habta tad-9.10 p.m. fi Triq it-Turisti, Qawra, waqt li kien qed isuq mini-bus nru. GMY-086, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'sewqan perikoluz u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lil William McCallister u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Fernando Pisani M.D.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 225, 226 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 15 (1)(a) tal-Kap. 65, l-Artikolu 28A tal-Kap 9, sabet lill-imputat hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax il-xahar, waqt li ssospendiet il-licenzja tas-sewqan ta’ l-imputat ghal perjodu ta’ seba’ snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta’ Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w, minflok, wara li jinstemghu l-provi, tillibera lill-appellant mill-akkuza migjuba kontrih u fin-nuqqas tirrevoka l-istess sentenza w tissostitwija b’sentenza li certament ma tinkludix prigunerija sospiza w sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan. Fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandha xorta takkorda piena karcerarja sospiza ghandha tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha esposti w takkorda sentenza illi in kwantu s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ma tkunx sospiza ghal perjodu twil illi twaqqaf lill-appellant mill-uniku impieg li jaf jaghmel.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni opportuna ghall-provi prodotti li kienu certament u kompletament favur it-tesi tal-appellant. Invece strahet cjekament fuq ix-xhieda tal-vittma William McCallister. Meta ghamlet dan l-Ewwel Qorti skartat kompletament dak li l-appellant kien stqarr mas-Surgent PS 1147 , il-versjoni moghtija mill-Avukat Chris Balzan li kien riekeb fil-bus in kwistjoni kif ukoll dik tal-Bus Inspector Ashraf El Nadar ; Li l-Ewwel Qorti ma apprezzatx il-lok tal-incident ghax kieku kienet tasal ghall-konkluzzjoni li l-versjoni tal-vittma ma treggix. Illi ma setax ikun li jekk il-vittma kien qed jaqsam minn-naha tal-Ghassa tal-Pulizija hu ghadda kif jidher indikat bil-vlegeg illi huwa nizzel fuq l-sketch. Id-direzzjoni li seta’ jkun fiha kienet mil-lemin ghax-xellug u mhux vice versa. Illi ghalhekk il-vittma kien daru lejn il-Mini Bus li kien tiela

minn Triq it-Turisti u diehel fit-Terminus , specjalment meta wiehed iqis li hu intlaqat "*on his left hand side".*

L-appellant hassu wkoll aggravat bil-fatt li l-Ewwel Qorti accettat il-versjoni illi l-vittma kien gie milqut darbtejn , haga li kellha tigi zmentita mill-sketch. L-Ewwel Qorti ma apprezzatx li l-Avukat Chris Balzan kien ikkorrobora l-verzjoni tal-appellant illi l-vittma kien gej mil-lemin ghax-xellug u dwar il-velocita' baxxa li kien miexi biha l-appellant ; Aggravju iehor hu li l-Ewwel Qorti kkummentat dwar il-fatt li l-appellant ghazel li ma jixhidx . Illi apparti li hu kien ta l-versjoni tieghu ta kif gara l-incident lil PS 1174 , id-decizjoni li hu ma jixhidx ma tistax titqies b' mod negattiv ; Aggravju iehor hu li l-Ewwel Qorti ttrattat lill-Avukat Balzan bhala "passiggier habib" ; Iehor hu li l-Ewwel Qorti ikkummentat dwar id-doveri tax-xhud El Nadar ; Illi ma jistax jinghid li l-manuvra tad-dhul fit-terminus kienet wahda illegali meta l-istess Ufficjal tal-Awtorita' kienu qed jippermettu tali dhul ghas-sigurta' tal-istudenti ; Li l-appellant kellu "proper lookout" u kien ghalhekk li seta' jieqaf bla sforz u b'mod immedjat malli McCallister qasam minghajr ma hares ; Li ghalhekk l-appellant ma kellu qatt jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Finalment ghandu aggravju dwar il-piena ghax hu xufier tal-mini buses u jaqla' ghixien tieghu proprju mis-sewqan u s-sospensjoni tal-licenzja ghal seba snin hija wahda sproporzjonata.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-verbal tas-17 ta' Frar, 2005 li bih il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti li taccedi fuq il-post tal-incident privatament biex tiehu konjizzjoni tieghu minghajr il-htiega ta' access formali;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi tista' tghid li l-aggravji kollha, barra l-ahhar wiehed dwar il-piena, jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti w li jinsabu traskritti fil-process. Issa hija l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali** : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**"** **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopar**di " [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall***

***feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta….. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant. Fil-kors ta' dan l-ezercizzju anki accediet privatament fuq il-post tal-incident, kif awtorizzata li taghmel bi qbil bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza.

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-ezami tal-lokalita' jidher li l-incident gara fid-dahla li hemm ghall-bus terminus tal-Qawra fuq in-naha ta' Triq it-Turisti, preciz faccata tal-ghassa tal-Pulizija ta' lokal. Din id-dahla wiesgha 11.70 metru kif jidher mill-qisien li jidhru fl-sketch tal-Pulizija (fol. 22). Min din il-bokka ma jistghux johorgu vetturi w jistghu jidhlu biss vetturi tal-Public Transport bejn il-5 am. u**

**d-9.45 pm. F'hinijiet ohra jista' jsir parkegg liberu minn kul tip ta' vettura. Il-Mini Bus GMY 086 involuta fl-incident skond l-istess sketch tidher li kienet diehla ghal got-terminus minn Triq it-Turisti, proprju razenti l-bankina tal-lemin taghha li hija ghamla ta' triangolu bl-apex tieghu fil-point A indikata fl-istess sketch. Ghal min ikun gej kif kienet gejja l-Mini Bus hemm vizwali mhux ostakolata ta' dak li hemm fit-terminus u l-bankini li jiccirkondawh kif ukoll l-strips ghall-passiggieri li hemm f' nofs l-istess area tat-terminus. Peress li l-incident gara f' xid-9.10 pm. jidher li l-Mini Bus ma kellhiex dritt tidhol minn dik in-naha ghax kien ghadhom ma sarux id-9.45 pm.**

**Issa mill-provi traskritti jirrizulta li fil-Mini Bus oltre x-xufier , l-appellant , kien hemm riekeb quddiem ukoll** Christian Balzan **dak iz-zmien student, illum Avukat . L-incident rah ukoll l-addett tat-Transport Authority** Ashraf El Nadar **u ovvjament il-vittma li gie mtajjar mill-Mini Bus , William McCallister. Issa fil-waqt li McCallister jinsisti bil-gurament tieghu li hu kien qed jaqsam mix-xellug ghal-lemin ghal-min kien fil-Mini Bus u cioe' mid-direzzjoni tat-telephone booths lejn il-Qawra Palace Hotel, El Nader isostni li McCallister kien qed jaqsam mid-direzzjoni opposta w cioe' gie qed jaqsam minn fuq ix-xellug lejn il-lemin tal-quddiem tal-Mini Bus.** Christian Balzan **ma setax jghid bl-ezatt f' liema direzzjoni kien qed jaqsam il-pedestrian li ntlaqat ghax ma rahx qabel ma ntlaqat ghalkemm hu kien qed ihares mill-windscreen . Qal pero' biss li l-probabbilta' kienet li ma kienx qasam mix-xellug ghall-lemin taghhom ghax kieku kien jarah. L-appellant lil** PS 1174 Adrian Sciberras **,** ***a tempo vergine*** **ukoll kien qallu li l-pedestrian kien gie mill-lemin tieghu .**

Dwar speed tal-Mini Bus, **Balzan** xehed li l-bus kien miexi bil-mod kemm jimxi  u l-appellant lil PS Sciberras dak il-hin qallu li kien ghaddej *"bilkemm niccaqlaq."* **El Nadar** ukoll jghid li waqt li l-Mini Bus kien qed idur ma kienx gej bis-sahha u biex jaghmel dik il-manuvra bil-fors li jrid inaqqas hafna. **El Nadar** ukoll xehed li ra lill-vittma gej

jaqsam jghaggel . Qal ukoll li l-Mini Bus suppost ma setax jidhol hemm gew ghalkemm fis-sajf kienu jidhlu private buses u mini vans bl-istudenti w jnizzluhom fit-terminus.

William McCallister **xehed li kien cempel mit-telephone box li hi go Triq it-Turisti u kif kien qed jaqsam minn quddiem it-terminus , oggett iswed deher gej mix-xellug lejn il-lemin tieghu , ma rax dwal u dan dar il-gewwa u laqtu : "….*he just turned in and he hit me….It looked as if he was going straight along the road..and then he suddenly turned right, without any indication."* Qal ukoll : "*It was just a large black object coming towards me, because there were no lights on. I couldn't see what it was . I just knew it was a large object. And from its size I assumed it was a bus"*. Kompla jghid li meta laqtitu din il-vettura mbuttatu xi 12 jew 15 il-pied u hu habat rasu mall-art u kif ser jerga jqum regghet laqtitu t-tieni darba. Hu ma juzax nuccali ghall-boghod u esebixxa certifikat ta' okulista li jikkonferma dan (Dok. MEX a fol.69) .**

**Mix-xhieda tat-**Tabib Dr. Ferdinando Pisani **jirrizulta li l-vittma sofra ksur tal-*left clavicle* u tal-*femur* tal-lemin barra xi *"soft tissue injuries".* Ikkonferma c-certifikat mediku esebit u li kien ukoll guramentat li minnu jirrizulta wkoll li dawn il-feriti kienu ta' natura gravi *per durata*.(Fol.35)**

**Fuq il-bazi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti, wara li ddecidiet li l-versjoni ta' William McCallister kienet aktar verosimili w kredibbli, kkonkludiet li l-appellant kien qed isuq bi speed eccessiv ghal dak regolamentari, li ma kienx qed izomm *proper lookout*, li kien diehel minn fejn mhux suppost jidhol, li konsegwentement kien isuq b' mod perikoluz u li kien hati li kkaguna l-ferti gravi nvolontarji sofferti minn McCallister.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi pero' mill-ezami tal-provi prodotti ma jirrizultax pruvat li l-appellant kien qed isuq bi speed eccessiv**

**ghaliex apparti li dan hu eskluz miz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni Balzan u El Nadar , hu assodat mil-fatt li l-vettura waqfet comb fejn sar l-impatt mall-pedestrian . Issa vettura li tkun qed tinsaq bi 25 mfs trid madwar 60 pied biex tieqaf bejn it-*“thinking distance*” u l-*“braking distance”* u dan manifestament mhux il-kaz anzi hu eskluz mil-mod fejn waqfet bruskament il-vettura misjuqa mill-appellant. Anzi kollox jindika li l-velocita’ tal-Mini Bus kienet baxxa hafna .**

**Fejn is-sewqan tal-appellant kien jippekka fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa fl-ewwel lok ghax hu dahal ghal gol-bus terminus minn dik id-dahla meta minn hemm dak il-hin setghu jidhlu biss karozzi tal-linja skond is-sinjali li hemm w anki kif xehed l-istess Nadar li hu Inspector tal-Public Transport Authority u, fit-tieni lok, ghax ovvjament ma kienx qed izomm *“proper lookout*” . Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li *“Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view”.* (App. Krim.** “Il-Pul. vs. Joseph Vella” **– [10.8.1963] ) u li “*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm “a proper lookout*” (Appell Kriminali :** “Il-Pulizija vs. J.M. Laferla **, [17.6.1961] ). Issa anki jekk, ghal grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha ma taqbilx ma l-Ewwel Qorti filli strahet fuq il-versjoni ta’ McCallister li hu kien qasam mix-xellug ghal-lemin tal-quddiem tal-Mini Bus u taccetta bhala pruvata – sal-grad tal-probabbli – il-versjoni ta’ l-appellant u El Nadar li hi sa certu punt ukoll korroborata minn Balzan, li l-vittma qasmet mil-lemin ghax-xellug , dan xorta ma jezonerax lill-appellant mill-obbligu strett li jzomm *“a proper lookout*” b’ mod li allura kellu jara sew minn qabel u jintebah li McCallister li seta kien ghadu fuq il-bankina triangolari gej biex jaqsam minn quddiemu. Ghalhekk hu kien tenut li jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jieqaf u ma jtajjrux specjalment meta kien jaf li diehel f’ zona minn dahla fejn mhux suppost jidhol dak il-hin. Dan ghaliex kif gie ritenut fi** “NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd” **(1968) :-**

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

**Din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti wkoll li l-mod kif l-appellant ghamel ir-"*right hand turn*" gabhu vicin tal-kantuniera tal-lemin aktar milli kien hemm bzonn u li appellant ghamel dak li jissejjah "*cutting the corner"* meta setgha ha l-liwja aktar fil-wisgha u b'hekk l-incident seta' anki jigi sfjorat . Li sar hekk jirrizulta kemm mill-pozizzjoni tal-vettura tal-appellant kif tidher fl-isketch, kif ukoll mix-xhieda okulari kollha. Din il-manuvra nkonsulta w esegwita b' mod hazin poggiet lill-appellant taht dik li tissejjah "*self inflicted incapacity*" li impedietu milli jara lill-vittma aktar qabel ma fil-fatt rah biex umbaghad ikun jista' jiehu l-*"evasive action* " opportuna. Dan in-nuqqas kien ukoll jikkostitwixxi imprudenza fis-sewqan li jammonta ghal sewqan b'maniera traskurata, partikolarment meta wiehed iqis dak li jirrakkomanda il-manwal** "The Highway Code" **fil-paragrafu 127 meta jghid : *"When turning at a road junction give way to pedestrians who are crossing."* (Ara. App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Anna Rita Camilleri" **[25.9.2003] )**

**Din il-Qorti pero' ma tirravizax fis-sewqan tal-appellant dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan periklouz. Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" **[27.5.04] ), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree*". (App.Krim.** Pul. vs. Charles Bartolo **[14.3.59]** ; Pul. vs. Wilson, **Vol. XXXIX p. 1018** u Pul. vs. Alfred Vella, **Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham **, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia **XXXIX p. 1018.) "*Recklessness*" giet defenita**

**bhala *"wilfully shutting one's eye*". (App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina **, 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.** Pul. vs. Antonio Spiteri **, Vol. XLIV , p.892. ) Issa fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqasijiet fis-sewqan tal-appellant fuq elenkati li jemergu, anki jekk tigi accettata l-versjoni tieghu tal-fatti, aktar jinkwadraw ruhom taht il-forma ta' sewqan b'manjiera traskurata, bla hsieb u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku milli ta' sewqan perikoluz , kif irriteniet li kien il-kaz l-Ewwel Qorti.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-appellant jissottometti inoltre li dak li gara kien kollu tort tal-vittma u/jew li dan kien ikkontribwixxa ghall-incident. Illi gie ritenut "*in subiecta materia"* illi l-"*pedstrian"* ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam , certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-"*pedestrian*" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-"driver" tal-car milli juza dak il-grad ta' *"reasonable care"* li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-*"pedestrian"* krejata lid-*"driver"* , bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli , li rrendiet impossibbli , jew mhux ragonevolment possibbli , azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali ;** "Il-Pulizija vs. J. Formosa"**, Vol. XLIII. P. IV p. 1023). F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha , e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat" (App. Kriminali :** "Il-Pulizija vs. J. Thornton " **Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza." (App. Kriminali** "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" **Vol. XLVI. P.IV. p765) .**

Mill-banda l-ohra pero gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emergency" meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera**" [13.12.1968] ). Dan ghaliex f' kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn *"self inflicted incapacity*" effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti. Dan hu proprju l-kaz fl-incident in dizamina.

**Illi gie umbaghad dejjem ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor , ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor . (App. Kriminali:** "Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri" **[16.3.1961] ;** "Il-Pulizija vs. John Polidano **" [3.11.1963] ;** "Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud**" (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn. ) Dana ghaliex il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-<u>kawza unika</u> tas-sinistru . (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tikkonkludi li l-appellant b'rizultat tal-manuivra tieghu illegali , u l-mod inkonsult li bih ghamilha , kombinata ma nuqqas ta' "proper lookout" , li jammontaw ghal sewqan b' maniera traskurata, kien ukoll hati li kkaguna ferita ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' William McCallister.**

**Illi ghar-rigward tal-piena , din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li s-sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f' incidenti tat-traffiku , ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b' karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament , esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti .**

**Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz . Din il-Qorti thoss li f' kaz ta' sewqan traskurat jew f' kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa. Inoltre l-periodu tas-sospensjoni ta' seba (7) snin hu manifestament esagerat fil-kaz in ezami meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w, fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan u/jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku , tajjar lil William McCallister u kkagunalhu griehi ta' natura gravi per durata, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant ukoll hati ta' sewqan perikoluz , fejn ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax il-xahar u fejn issospendiet il-licenzja tieghu ghal seba snin , u minnflok, fil-waqt li ssibu hati biss ta' sewqan b'manjiera traskurata , liema reat hu assorbit fl-imputazzjoni ta' feriti gravi involontarji fuq konfermata , tikkundannah ghal mitejn lira Maltin (M200) multa li jekk ma tithallasx fi zmien xahar mil-lum, tigi awtomatikament konvertita f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghal zmien tlitt (3) xhur li jibdew jghoddu minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------